DIRETTORAT GHAL
KWALITA` U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
FLORIANA VLT 2000
MALTA

DIRECTORATE FOR
QUALITY AND STANDARDS IN EDUCATION
FLORIANA VLT 2000
MALTA

# Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu

**Tel:** 2598 2426 / 2598 2425 **Indirizz Elettroniku:** gaetano.bugeja@ilearn.edu.mt

**ĊIRKULARI**

**Informazzjoni:** X **Data:** 5 ta' Jannar 2015

**Azzjoni:** X **Ref:** DCM 001/2015

**Lill- :** Kapijiet tal-Iskejjel Primarji tal-Istat u Sezzjonijiet

**Mingħand:** Tony Pace – Uffiċċjal Edukattiv, Primarja

**Suġġett:** Studji Soċjali fis-Sitt Sena Primarja

---

Skont ir-riorganizzazzjoni fl-Istudji Soċjali, mis-sena skolastika preżenti (2014-15) l-istudenti tas-6 Sena Primarja għandhom jagħmlu dan it-taħriġ li ġej bħala parti mill-assessjar formali tagħhom.

| | **Żmien** | **Taħriġ** |
|---|---|---|
| A | bejn Ottubru u Jannar | *fieldwork*: **ŻJARA FIL-BELT VALLETTA**; in-noti tal-*fieldwork* tqassmu fl-iskejjel kollha f'Ottubru 2014. |
| B | bejn Frar u Mejju | l-għalliema u l-istudenti jagħżlu li jaħdmu fuq wieħed minn dawn:<br>▪ (jew) *fieldwork* ieħor<br>▪ (jew) proġett wieħed magħżul minn lista tal-proġetti li tinsab fil-websajt: http://primarysocialstudies.skola.edu.mt/ |

Fil-każ ta' fieldwork B, dan jista' jsir jew fil-park arkeoloġiku ta' Ħaġar Qim u l-Imnajdra, fil-limiti tal-Qrendi jew fit-tempji tal-Ġgantija, limiti tax-Xagħra Għawdex. Il-klassijiet tas-Sitt Sena jistgħu jibbukkjaw is-sessjoni tagħhom billi jċemplu fuq in-numri 21424231(Malta) jew 21556153 (Għawdex). Il-fieldwork qiegħed jiġi organizzat b'kollaborazzjoni mal-Aġenzija *Heritage Malta* u min jibbukkja għandu jgħarraf lill-istaff ta' *Heritage Malta* li se jkun qed isir il-*fieldwork*.

Dwar il-*fieldwork*:

1. Ħaġar Qim jistgħu jidħlu sa 40 persuna f'salt, filwaqt li l-Ġgantija in-numru m'għandux jaqbeż it-30. Nirrikkmandaw li s-sessjoni tibda fid-9.00am u tispiċċa sa 12.00pm; f'dan il-ħin hemm allokazzjoni għall-mixja minn Ħaġar Qim lejn l-Imnajdra.

2. Iż-żewġ siti huma aċċessibbli sa ċertu punt; saċ-ċentru tal-viżitaturi m'hemmx problema imma jista' jkun hemm xi diffikultà biex wieħed jidħol fit-tempji minħabba li f'ċertu partijiet l-art ma hix lixxa minkejja li hemm rampi u *walkways*.

3. Matul iż-żjara għandhom jiġu segwiti r-regolamenti kollha maħruġa minn *Heritage Malta*. Ir-regolamenti jinsabu fuq il-websajt: www.heritagemalta.org.

4. L-istudenti huma mistennija li jkollhom magħhom: (i) kopja tal-*fieldwork notes* uffiċjali li jinsabu fuq il-websajt: http://primarysocialstudies.skola.edu.mt, (ii) żewġ lapsijiet (iii) *field-board* biex jiktbu fuqha. Billi dan il-*fieldwork* jifforma parti mill-assessjar uffiċċjali tal-aħħar tas-sena, is-sessjoni titmexxa mill-għalliem/a tal-klassi u fl-ebda ħin l-istudenti m'għandhom jitolbu l-għajnuna tal-uffiċjali ta' *Heritage Malta* li jkunu qegħdin jaqdu dmirhom fuq is-sit.

5. It-trasport lejn is-sit u lura lejn l-iskola huwa responsabbiltà tal-iskejjel.

Grazzi tal-kooperazzjoni.

**Gaetano Bugeja**
**Direttur,**
**Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu**